**Qorti tal-Magistrati (Malta)**
**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. Claire L. Stafrace Zammit B.A. LL.D.**

**Il-Pulizija**
**[Spettur Chris Pullicino]**
**[Spettur Daryl Borg]**

**vs**

**Mohamed Abdul Moutaleb Dreira**

**Kumpilazzjoni Numru: 998/13**

**Illum, 25 ta' Settembru, 2017**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuzi migjuba kontra Mohamed Abdul Moutaleb Dreira detentur ta' passaport Libjan bin-numru 507147(M) gie akkuzat talli:

1. Fil-lejl ta' bejn l-4 u l-5 t'Ottubru, 2013 ghall-habta ta' 03:35am gewwa Paceville, San Giljan, dolozament bil-hsieb li joqtol jew li jpoggi l-hajja ta' Matthew Borg f'periklu car, wera dan il-hsieb b'atti esterni u ta bidu ghall-esekuzzjoni ta' dan id-delitt billi ta daqqiet b'oggett iebes lill-imsemmi Matthew Borg, liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali w indipendenti mill-volonta tieghu;

2. U aktar talli fl-istess data, lok, hin, u cirkustanzi permezz ta' l-istess daqqiet ta' oggett iebes, ikkaguna feriti ta' natura gravi fuq il-persuna ta' l-istess Matthew Borg hekk kif gie ccertifikat mit-tobba tal-isptar Mater Dei;

Il-Qorti giet mitluba, bl-iskop li tipprovdi ghas-sigurta' tal-persuna offiza cioe ta' Matthew Borg jew ghaz-zamma ta' l-ordni pubbliku jew ghall-iskop ta' l-protezzjoni tal-imsemmi Matthew Borg minn fastidju jew imgieba ohra li tikkaguna biza ta' vjolenza, tohrog ordni ta' protezzjoni kontra l-akkuzat.

Il-Qorti giet ukoll mitluba sabiex f'kaz ta' htija tikkundanna lill-akkuzat ghal hlas ta' spejjez li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-Artikoli tal-Avukat Generali datati tlieta u ghoxrin (23) ta' Ottubru elfejn u erbatax (2014) li bihom jahseb li ghandha tinstab htija taht is-segwenti artikoli tal-ligi:-

a. Artikoli 214, 215 u 218 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
b. Fl-artikoli 17, 31 u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta; u
c. Fl-artikoli 383, 384, 385, 386, 387 u 412C tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-ezami tal-imputat fejn huwa wiegeb mhux hati tal-akkuzi kif dedotti kontrih;

Rat l-atti kollha tal-kawza kif ukoll it-trattazzjonijiet iskritti tad-difiza biss stante li l-prosekuzzjoni inghatat diversi okkazzjonijiet ghan-nota taghha izda din baqghet inadempjenti;

Illi din il-kawza tittratta fuq glieda allegatament bejn l-imputat u habib iehor tieghu ma' zewg persuni Maltin li wiehed minnhom u cioe' Matthew Borg allega li gie midrub f'rasu permezz ta' xi tazza liema glieda sehhet bejn l-erbgha

(4) u l-hamsa (5) ta' Ottubru elfejn u tlettax (2013) f'Paceville gewwa l-istabbiliment Havana u ftit wara barra minn dan l-istabbiliment.

Ta' min ifakkar li fi proceduri penali, l-*onus* tal-prova tistrieh fuq il-prosekuzzjoni matul il-kumpilazzjoni kollha, bhala regola generali, u hija l-eccezzjoni li d-difiza trid tipprova xi haga.

L-awtur **Manzini** fil-ktieb tieghu **Diritto Penale** (pg. 234 Vol III) jghid is-segwenti:

> *"Il cosi detto onero della prova, cioe' il carico di fornirla spetta a chi accusa-. onus probandi incumbit qui osservit".*

Illi ghalhekk m'hemmx dubju li kollox jiddependi fuq kredibilita' tax-xhieda, u cioe' fuq dak li ddeponew ix-xhieda tal-prosekuzzjoni waqt li kienu fuq il-pedana tax-xhieda.

Huwa principju baziku pprattikat mill-Qrati taghna fil-proceduri kriminali, li biex l-akkuzat jigi ddikjarat hati, l-akkuzi dedotti, ghandhom jigu ppruvati oltre kull dubju ragjonevoli, cioe' oltre kull dubju dettat mir-raguni.

Hawnhekk qed issir referenza ghal sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar is-sebgha (7) ta' Settembru, 1994 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Philip Zammit et** u tghid pero' li mhux kull l-icken dubju huwa bizzejjed sabiex l-imputat jigi ddikjarat liberat, hemm bzonn li *"dubju jkun dak dettat mir-raguni"*.

Fil-fatt fis-sentenza moghtija mill-istess Qorti nhar il-hamsa (5) ta' Dicembru, 1997 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Peter Ebejer**, il-Qorti fakkret li l-grad ta' prova li

trid tilhaq il-prosekuzzjoni hu dak il-grad li ma jhalli ebda dubju dettat mir-raguni u mhux xi grad ta' prova li ma jhalli ebda ombra ta' dubju. Id-dubji ombra ma jistghux jitqiesu bhala dubji dettati mir-raguni. Fi kliem iehor, dak li l-gudikant irid jasal ghalih hu, li wara li jqis ic-cirkostanzi u l-provi kollha, u b'applikazzjoni tal-buon sens tieghu, ikun moralment konvint minn dak il-fatt li trid tipprova l-prosekuzzjoni. Fil-fatt l-istess Qorti tal-Appell iccitat spjegazzjoni moghtija minn **Lord Denning** fil-kaz **<u>Miller vs Minister of Pension</u>** (1974 - 2 ALL ER 372) tal-espressjoni *proof beyond a reasonable doubt:*

> *"Proof beyond a reasonable doubt does not mean proof beyond the shadow of a doubt. The law would fail to protect the community if it admitted fanciful possibilities to deflect the course of justice. If the evidence is so strong against a man as to leave only a remote possibility in his favour, which can be dismissed with the sentence 'of course it is possible but not in the least probable', the case is proved beyond reasonable doubt, but nothing short of that will suffice."*

Illi tenut kont ta' x'intqal mill-Qrati nostrani u dawk esteri fuq dan ir-rigward u minghajr hafna dilungar ta' x'qalu x-xhieda individwali, irid jigi pprecizat illi mill-provi prodotti mill-prosekuzzjoni minn imkien ma hareg illi l-imputat kellu x'jaqsam mal-feriti subiti fuq il-parte civile.

B'mod specjali mix-xhieda tal-ufficjali tas-sigurta' fl-istabbiliment Havana, dawn kollha ma gharfux lill-imputat li kellu x'jaqsam mal-glieda izda kollha irreferu ghall-persuna maskili Gharbi u ta' statura kbira li kien maghruf maghhom izda li certament ma kienx l-imputat.

L-uniku kollegament tal-imputat mar-reat hareg mix-xhieda ta' habib tal-vittma u cioe' Aaron Bryden li xehed li gharaf lill-imputat li waddab flixkun lil siehbu. Izda wara li din il-Qorti semghet ix-xhieda tal-imputat li qal illi huwa kien iggieled mal-istess Aaron Bryden, dan probabilment xehed kif xehed u pponta subajh lejn l-imputat sabiex ipattihielu tal-glieda li kellhom bejniethom.

Illi fil-fatt l-imputat jghid illi huwa ra lil siehbu u certu Darrahi jaghti daqqa ta' flixkun f'ras il-vittma Matthew Borg liema flixkun kien zammu Darrahi fil-qalziet tieghu. Fil-fatt Darrahi qatt ma xehed illi l-imputat kien involut fid-daqqa ta' flixkun.

Dan kollu jigi kkorroborat mal-fatt illi fl-ebda mument fil-filmat esebit u li jinsab fl-atti ta' dawn il-proceduri ma jidher l-imputat jiggieled izda jidher il-persuna maskili ta' statura kbira li jidher go folla ta' nies jiggieled probabilment Darrahi. Ta' min jghid ukoll illi l-imputat huwa persuna ta' statura zghira u bl-ebda mod ma joqrob lill-persuna ta' Darrahi.

Illi ghal dawn il-motivi ma tistax issib htija kontra l-imputat **Mohamed Abdul Moutaled Dreira** u konsegwentement tilliberah minn kull akkuza dedotta kontrih.

---

**Ft./Dr Claire L. Stafrace Zammit B.A. LL.D.**
**Magistrat**

**Benjamina Mifsud**
**Dep/Reg**